Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2003

Numru 1/2003

**Stefan Xuereb**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Generali tad-29 ta’ Jannar, 2003 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta’ Jannar, 2003 b’liema decizjoni dik il-qorti kienet ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu passi kriminali kontra Alan Micallef u kontra d-Diretturi tal-Kumpanija U.C.I.M. Co. Ltd. ghad-“delitt ta’ truffa a dannu [ta’ Stefan Xuereb], barra reati ohra konnessi”;

Rat ir-risposta ta’ Stefan Xuereb ghar-rikors ta’ l-Avukat Generali, minnu ppresentata fil-31 ta’ Jannar, 2003;

Rat l-atti kollha relevanti (senjatament l-atti tar-rikors ta’ Stefan Xuereb, maghmul taht l-Artikolu 541(1) tal-Kodici Kriminali, tas-7 ta’ Novembru, 2002); semghet bil-gurament lil Stefan Xuereb u lill-Ispettur Sandra Mamo fl-udjenza ta’ l-4 ta’ Frar, 2003; semghet, ukoll fl-istess udjenza, lill-Avukat tar-Repubblika Dott. Stephen Tonna-Lowell ghall-Avukat Generali u lill-Avukat Dott. Joseph Brincat ghal Stefan Xuereb; ikkunsidrat:

Il-funzjoni ta’ din il-Qorti f’din il-kwistjoni – funzjoni moghtija lilha bis-subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 541, liema subartikolu gie introdott fil-Kodici Kriminali bl-Att III tas-sena 2002 b’effett mill-1 ta’ Mejju, 2002 – hi li tara jekk hemmx *prima facie* lok ghad-denunzja, rapport jew kwerela gia maghmula minn dak li jkun (f’dan il-kaz minn Stefan Xuereb) lill-Pulizija Ezekuttiva, fuq liema denunzja, rapport jew kwerela il-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx agixxiet. Skond jekk ikunx hemm lok *prima facie* ghal tali denunzja, rapport jew kwerela din il-Qorti tghaddi biex thassar jew tirriforma id-decizzjoni li tkun ittiehdet fl-ewwel lok mill-Qorti tal-Magistrati taht is-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali.

Minn dak li semghet din il-Qorti ma jistax jinghad li hemm, imqar *prima facie*, l-estremi tar-reati ta’ truffa jew ta’ frodi innominata. Pjuttost din il-Qorti tara li dan huwa kaz ta’ indole civili – il-kwerelant ordna vettura b’certi *specifications* u ghalkemm gie assigurat li l-vettura li giet konsenjata lilu kellha dawn l-i*specifications* il-kwerelant jikkontendi li dan ma hux minnu, u li gie konsenjat vettura differenti minn kif ordnata. Kwalsiasi telf patrimonjali li seta’ sofra Stefan Xuereb f’dan il-kaz kollu bil-fatt li rritorna l-vettura izda baqa’ jhallas il-kambjali ma kienx dovut ghal xi qerq li seta’ talvolta gie perpetrat mis-*salesman* indikat fir-rikors tieghu jew mid-Diretturi tal-kumpanija importatrici fir-rigward ta’ l-i*specifications*, izda hu se mai dovut ghall-mod li bih ghazel li jagixxi l-istess Xuereb, u ghalhekk *imputet sibi*. Din il-Qorti, ghalhekk, ma

tistax tikkondividi l-konkluzzjoni milhuqa mill-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' Jannar, 2003.

Ghall-motivi premessi, tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali u thassar id-decizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati tas-16 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tirrespingi t-talba ta' Stefan Xuereb kif migjuba fir-rikors tieghu tas-7 ta' Novembru, 2002.

Notifika ta' dan il-provvediment lill-Avukat Generali, lil Stefan Xuereb u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------